MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**JOSEPH S. REFALO**

Seduta tat-28 ta' Frar, 2003

Talba Numru. 1739/2002

**Mobisle Communications Limited**

**vs**

**Shelving Systems Limited**

**It-Tribunal,**

**Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fis-17 ta' Lulju, 2002 fejn intalab il-hlas ta' mitejn u sitta u tletin lira Maltija u hamsa u tmenin centezmu (Lm236.85), liema somma tirraprezenta bilanc ta' prezz dovut mill-istess socjeta` konvenuta lil Mobisle Communications Limited skond Client Contract Number 00528 in rigward ghal servizzi lilu rezi mis-socjeta` attrici u dana fix-xhur bejn Gunju 2001 u Marzu 2002;**

**Bl-ispejjez, inkluzi dawk ta' l-ittra ufficjali tat-23 ta' April, 2002, dawk tal-mandat ta' sekwestru prezentat**

**kontestwalment ma' l-avviz, u bl-imghaxijiet sad-data tal-pagament effettiv kontra l-konvenut ingunt ghas-subizzjoni.**

**Ra li s-socjeta` konvenuta baqghet ma pprezentatx risposta u lanqas ma deher rapprezentant taghha.**

**Semgha x-xhieda ta' Dr Nikolai Muscat Farrugia ghas-socjeta` attrici li kkonferma li l-ammont mitlub ghadu dovut. Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.**

**Ghaldaqstant peress illi t-talba tirrizulta soddisfacentement pruvata u wara li ra l-Artikolu 13(b) tal-Kap.380 tal-Ligijiet ta' Malta, it-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lis-socjeta` konvenuta thallas lis-socjeta` attrici s-somma ta' mitejn u sitta u tletin lira Maltija u hamsa u tmenin centezmu (Lm236.85), bl-imghaxijiet mit-23 ta' April, 2002 sad-data tal-pagament effettiv.**

**L-ispejjez ta' dina l-istanza, inkluzi dawk ta' l-ittra ufficjali tat-23 ta' April, 2002, dawk tal-mandat ta' sekwestru prezentat kontestwalment ma' l-avviz, ghandhom jigu sopportati mis-socjeta` konvenuta skond il-Ligi.**

---------------------------------TMIEM---------------------------------